**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 31/14(30_04_14).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' April 2014, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Paul Parnis - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-23 ta' April 2014.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2013.
6. Festa 2014 ta' San Pawl Nawfragu, Il-Munxar.
7. Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.
8. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 9/2014 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Applowdjar ta' Dokumenti fuq is-Sit www.lc.gov.mt'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 10/2014 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Ħruġ ta' Sejħiet għall-Offerti - Ċirkularijiet'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 11/2014 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Migrazzjoni għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Procurement*)'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 12/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet *Lifelong Learning* 2014-15'. Il-Kunsill ġie mfakkar fil-laqgħa ta' informazzjoni fit-30 ta' April 2014, fil-Kunsill Lokali tal-Mosta.

2.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur Djoċesan, Opri Missjunarji Pontifiċi f'Għawdex rigward il-ħidma tagħhom, l-iskema 'I Thirst Campaign 2014' u l-għajnuna li jista' joffri l-Kunsill.

2.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo Tourism Association rigward 'Expression of Interest'. Il-Gozo Tourism Association ser torganizza *Gastronomic Event* bejn il-21 u t-23 ta' Novembru 2014 dwar prodotti lokali. Din l-Assoċjazzjoni qed tistieden Kunsilli Lokali Għawdxin ġemellati ma' lokalitajiet barranin sabiex iqabbdu 3 *chefs* professjonali u/jew persuni kompetenti fil-ġastronomija mil-lokalità ġemellati magħhom rispettivament sabiex ikunu ġurija f'din l-imsemmija attività. Dan il-proġett huwa suġġett għal fondi mill-Ewropa.

2.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Malta Tourism Authority rigward it-13-il edizzjoni tal-Malta International Fireworks Festival 25-26-30 ta' April 2014, organizzata flimkien mal-Ministeru għat-Turiżmu.

2.08 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand is-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva għal Seminar Konsultattiv – Politika Nazzjonali għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità fil-25 ta' April 2014, fil-Le Meridien Hotel & Spa, San Ġiljan.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment tal-Customer Services – Sezzjoni għall-Anzjani u Bżonnijiet Speċjali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward 'Quddiesa għall-Anzjani fl-Okkażjoni ta' Jum l-Omm', fil-11 ta' Mejju 2014, fis-Santwarju Ta' Pinu.

2.10 Il-Kunsill irċieva l-'Brief Report on the Official Visit by the Gozo Region in Emilia Romagna 16-19 March 2014', ippreparat mis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, il-kuntratt ta' kollaborazzjoni bejn ir-Reġjun ta' Emilia Romagna u l-Gozo Business Chamber, ir-'Report on a visit by a Delegation of the Gozo Business Chamber as part of a Delegation of the Gozo Region to the Emilia Romagna Region 16$^{th}$-19$^{th}$ March 2014', mill-Gozo Business Chamber u l-programm ta' din iż-żjara.

2.11 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tal-40 laqgħa u l-Minuti tad-39 laqgħa li saret fid-19 ta' Frar 2014 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħha lill-Kunsilliera.

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mill-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali rigward 'Launch of the Public Consultation Process in connection with the INTERACT III PROGRAMME'.

2.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Fondazzjoni Valletta 2018 minħabba li peress li l-Kunsilli Lokali kollha qablu li jappoġġjaw lill-Belt Valletta biex tieħu t-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018, il-proġett Valletta 2018 għandu l-għan li jinvolvi l-lokalitajiet kollha b'mod li l-ħajja u l-attività kulturali ta' kull belt u raħal tkun appoġġjata u promossa ma' ċentri urbani oħra fl-Ewropa u l-Mediterran. Il-Kunsill ġie informat li l-Fondazzjoni ser tkun qed iżżomm serje ta' laqgħat, l-ewwel mal-Kunsilli Lokali fi ħdan il-Kunsill Reġjonali, imbagħad mal-Kunsilli Lokali direttament.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva xi kopji ta' pubblikazzjoni li ħarġet it-Taqsima ta' Eco-Gozo fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex 'The Gozo Coastal Walk'. Din il-pubblikazzjoni qed tinkoraġġixxi mixjiet fil-kampanja Għawdxija mat-turisti u tal-lokal.

3.02 Il-Kunsill wieġeb għal żewġt ittri lill-Editur li dehru fil-gazzetta ta' kuljum 'The Times'. F'dawn l-artikli saru referenzi għall-imwejjed, siġġijiet u tinet li qed jitpoġġew fil-passaġġi tax-Xlendi.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand familja li tgħix fl-aktar parti dejqa ta' Triq il-Munxar minħabba li l-vetturi qed jgħaddu bi *speed* eċċessiv u jqegħdu l-ħajja tal-pubbliku f'periklu. Peress li qabel kien hemm *sleeping policeman* li tneħħiet dawn qed jitolbu li jsiru xi *slow signs*. Din it-triq fl-istaġun tas-sajf tkun aktar traffikuża minħabba li aktar nies jinżlu lx-Xlendi. Il-Kunsill kien ser jiżbogħ *slow signs* mal-art.

3.04 Il-Kunsill irċieva żewġt ittri mingħand resident fi Triq il-Munxar. Fl-ewwel ittra talab li titranġa l-bankina quddiem il-proprjetà tiegħu u ssir laqgħa dwar il-proposti tiegħu. Wara li saret il-laqgħa l-Kunsill irċieva ittra oħra mingħand l-istess persuna fejn infurmat lill-Kunsill li ma tixtieqx li ssir il-bankina. Għaldaqstant peress li l-bankina hija proprjetà tal-Kunsill, din ser titranġa mill-Kunsill.

3.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Gozo Action Group fejn ġejna infurmati li ġiet magħżula l-applikazzjoni tal-Kunsill taħt Measure 413.4 – *Landscaping*.

3.06 Il-Kunsill irċieva proposta mingħand il-Kumpanija Ozone Ltd. dwar rati ta' telefonija u *internet*, fejn ġie elenkat ir-roħs f'rati minn dawk li qed inħallsu preżentament mal-Kumpanija GO Ltd. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob lil GO Ltd. sabiex jippreżentaw proposta min-naħa tagħhom.

3.07 Il-Kunsill irċieva talba mingħand il-Kumpanija WOW Gozo fejn qed tipproponi li tibda toffri *a non-motorised fitness activity* mill-Bajja tax-Xlendi. Il-postijiet li qed tipproponi ma humiex aċċettabbli għall-Kunsill u ser jintalbu jistgħux jikkonsidraw li joperaw minn post qrib il-passaġġ tax-xtajta.

3.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Jugs Malta fejn qed jitolbu *no objection* sabiex Mc Donalds *van* jieqaf lx-Xlendi fis-17 ta' Mejju 2014, għal bejn siegħa u sagħtejn. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

3.09 Fil-laqgħa kien hemm preżenti s-Sur Victor John Borg, l-Organizzatur tas-Sunscape Festival li ser isir mit-3 sal-10 ta' Settembru 2014, fil-Bajja tax-Xlendi. Huwa spjega fid-dettall dwar dan il-*festival* u l-benefiċċji li ser iħalli fil-Bajja tax-Xlendi. Il-Kunsill qabel ma' din l-attività u huwa lest li jgħin fejn huwa possibbli.

3.10 Fil-laqgħa kien hawn preżenti l-Iskultur Manuel Farrugia li ġie inkarigat mill-Ministeru għal Għawdex sabiex jaħdem fuq il-monument tal-Professur Ġużè Aquilina. Il-Ministeru ser iħallas għal dan il-monument u l-Kunsill se jieħu ħsieb il-pedestal. L-iskultur ġie mitlub sabiex jikkuntatja lill-familjari tal-Professur u jibda jipprepara l-abbozz.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 31/14(30_04_14).

**5.00 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2013.**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Financial Statements* għas-sena 2013. Dawn il-*Financial Statements* ġew ivverifikati mill-Awdituri Spiteri Bailey & Co. Għal din is-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill kien baqagħlu bilanċ ta' €12,481. Dawn il-*Financial Statements* ġew approvati mill-Kunsill.

Peress li kienu saru t-8.00 ta' filgħaxija ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata sabiex titkompla nhar l-Erbgħa, 7 ta' Mejju 2014, fil-5.30 ta' filgħaxija bl-istess Aġenda.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***